**QORTI CIVILI PRIM` AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 29 ta` Novembru 2018**

**Kawza Nru. 3**
**Rikors Nru. 709/2009/1 JZM**

**Fl-atti tar-rikors 709/09 GC, li kien dezert fis-16 ta` Ottubru 2012, fl-ismijiet :**

**Dione Drago (ID 500766 M) ghan-nom ta` Tax Free Services Limited (Reg. No. C14434) wara korrezzjoni fl-isem tal-kumpannija b`digriet tal-25 ta` Novembru 2009**

***u***

**Massimo Drago (ID 229171M)**

***kontra***

**Il-Kontrollur tad-Dwana, u b`digriet tal-15 ta` Jannar 2018 l-isem "Kontrollur tad-Dwana" gie jaqra "Direttur Generali (Dwana)"**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors prezentat fil-21 ta` Lulju 2009 li jaqra hekk :–

*Illi r-rikorrenti Dione Drago ghan-nom tas-socjeta` Tax Free Limited huwa l-propjetarju tal-vettura kummercjali Toyota Liteace numru ta` registrazzjoni TXF-002 li huwa juza fuq bazi regolari fl-ezercizju tal-kummerc tieghu ghall-garr ta` merkanzija varja duty free.*

*Illi r-rikorrent Massimo Drago huwa impjegat mas-socjeta` Tax Free Services Limited li tesercita l-kummerc u tbigh u tixtri prodotti varji Tax Free fosthom sigaretti, xorb u fwejjah u huwa inkarigat mit-tqassim u delivery tal-imsemmi prodotti skond ordnijiet li jsiru lil-istess socjeta` minn jum ghall-iehor.*

*Illi fil-31 ta` Awwissu 2007 ghall-habta ta` nofs in-nhar r-rikorrent Massimo Drago meta kien qieghed Hal-Qormigie mitkellem minn fizzjali tad-Dwana u mistoqsi dwar merkanzija li kellu fil-vann tax-xoghol numru TXF-002.*

*Illi l-vettura misjuqa minn Massimo Drago kellha merkanzija konsistenti f`sigaretti dettaljati fin-nota ta` Qbid 24/2009 liema sigaretti kienu destinati ghall-konsenja effettiva u legittima kif awtorizzat jaghmel bhala socjeta` li testercita l-kummerc fil-prodotti tad-Duty Free.*

*Illi l-imsemmija prodotti gew ingustament issekwestrati flimkien mal-vettura Toyota bin-numru ta` registrazzjoni TXF-002 propjeta` tar-rikorrenti Dione Drago u dan skond Nota ta` Qbid Numru 25/2009.*

*Illi in effetti kif jista` jirrizulta waqt is-smigh tar-Rikors il-Qbid kien illegittimu u irregolari u l-Kontrollur tad-Dwana u l-ufficjali issekwestraw tali merkanzija u l-vettura ingustament stante illi meta sar stock taking tal-merkanzija instabu ezattament neqsin biss sigaretti li kienu dikjarati u mibjugha lill-passigieri dak in-nhar stess skond dokumenti dikjarati lid-Dwana sabiex tali sigaretti setghu jigu ikkonsenjati lill-passigieri abbord bastiment Gran Mistral u cio nonostante il-Kontrollur xorta ordna s-sekwestru u l-Qbid.*

*Illi r-rikorrenti kienu regolarment awtorizzati jkollhom fil-vettura ghall-konsenja opportuna u awtorizzata l-imsemmija merkanzija tant li kien mhux biss infurmat l-ufficju tad-Dwana izda sahansitra kien imsejjah l-Ufficjal sabiex jispezzjona l-istess (kif jista` jigi kkonfermat mid-Dokument A hawn anness, fejn sahansitra thallas l-ispettur tad-Dwana Albert Zammit) sabiex jara li dawn jigu kkonsenjati lit-turisti abbord il-Bastiment M/V Gran Mistral kif jidher ukoll mid-Dokument B hawn anness. Jigi esebit ukoll Dokument C li jikkonferma sahansitra l-ordni ufficjali tal-imsemmija prodotti mill-passigieri intitolati ghall-prodotti Duty Free li minhabba l-intervent tal-intimat fil-hrug fil-hrug tal-Qbid 24/2009 u 25/2009, s-socjeta` Tax Free Limited ma thallietx tikkonsenja l-istess.*

*Illi l-Kontrollur tad-Dwana sussegwentament issekwestra sija l-vettura tar-rikorrent Dione Drago numru TXF-002 u sija kull merkanzija mghobbija fuq l-istess u nhargu n-Noti ta` Qbid 24/2009 u 25/2009 rispettivament li gew notifikati lir-rikorrenti fis-26 ta` Gunju 2009.*

*Illi l-imsemmija Noti ta` Qbid numru 24/2009 u numru 25/2009 inhargu intortament u ingustament stante illi r-rikorrent huma totalment estranji minn kull allegazzjoni jew ksur tal-Ordinanza tad-Dwana u kienu awtorizzati fl-ezercizzju tal-Kummerc taghhom jkollhom tali merkanzija.*

*Illi kif jista` jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-intimat qed jitlob il-Qbid ai termini tal-Artikoli dettaljati fl-imsemmija Noti ta` Qbid.*

*Illi r-rikorrenti ma jistghu qatt jkun misjuba hatja bi ksur tal-Artikoli 60 (h), (k), 62 (a), (f), (g), (h), (i), (k), 68 (1), 69 (1), (2), paragrafu (a) tal-Proviso tal-Artiklu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta` Malta u tal-Artikli 16 (1) (j), 17 (a) tal-Kap 382 tal-Ligijiet ta` Malta stante illi kien proprju fl-ezercizzju tal-kummerc legittimu u previst mill-ligi li kellhom fil-vettura l-imsemmija prodotti.*

*Illi l-konvenut minkejja li gie debitament interpellat sabiex jirrilaxxa l-imsemmija oggetti dettaljati fin-noti ta` Qbid numru 24/2009 u 25/2009 propjeta` tar-rikorrenti u l-intimat ntalab li jirrevoka, jirtira u jannulla l-istess noti ta` qbid, u jirritorna l-pussess effettiv tal-oggetti maqbuda, baqa` inadempjenti permezz ta` ittri debitament nnotifikati lill-intimat fit-3 ta` Lulju 2009 Dokument D u E hawn annessi;*

*Illi l-Qbid tal-vettura inoltre effetwat l-attivita kummercjali tar-rikorrent li kellu jirrikorri ghall-kiri ta` vettura alternattiva u dan qed jikkawza danni finanzjarji kontinwi sakemm il-vettura ma tigix rilaxxata;*

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex -*

*1. Tiddikjara illi n-noti ta` Qbid numri 24/2009 u 25/2009 inhargu ingustament, b`mod arbitrarju u ingust u ghalhekk ghandhom jigu revokati.*

*2. Tordna lill-konvenut jirrilaxxja kull oggett jew merkanzija mizmuma fil-pussess tieghu li jappartjeni lir-rikorrenti u tordna r-rilaxx tal-vettura Toyota TFS-002.*

*3. Tillikwida d-danni kollha eventwali u konsegwenzjali ghal dan il-qbid ingust u zbaljat.*

*4. Tikkundannah li jhallas lill-atturi kwalsiasi ammont li jigi hekk likwidat in linja ta` danni minhabba dan il-qbid ta` oggetti u tal-imsemmija vettura li ghandhom jinkludu fost l-ohrajn il-valur kummercjali ta` l-oggetti li llum certament skadew u l-prezz jew devalwazzjoni tal-vettura.*

*Bl-ispejjez u nteressi legali kontra l-konvenut li jibqa` minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti.

Rat ir-risposta li pprezenta l-intimat fit-12 ta` Awissu 2009 li tghid :-

*Illi l-vettura numru ta` registrazzjoni TXF 002 u s-sigaretti u t-tabakk li nstabu fiha nqabdu mill-esponent korrettement u skond il-ligi stante li s-sigaretti u t-tabakk kienu sdazjati u ma kellhom l-ebda dokument li jiggustifika l-prezenza taghhom, hekk sdazjati, fit-triq. Il-vettura nqabdet peress li kienet il-mezz ta` garr ta` dawn is-sigaretti u tabakk ai termini tal-artiklu 68 tal-Ordinanza tad-Dwana. Il-valur totali ta` taxxi mhux imhallsa lill-Gvern fuq dawn is-sigaretti u tabakk jammonta ghal madwar EUR 15,000.*

*Illi l-qbid ta` dawn is-sigaretti u tabakk kien jaghmel parti minn operazzjoni ikbar li kienet tinvolvi tfittxijiet li saru f`diversi fondi, fosthom garaxx f`Hal Qormi. Il-vettura misjuqa minn Massimo Drago waslet f`dan il-garaxx hekk kif kienet se tibda t-tfittxija f`dan il-garaxx. It-tfittxija fil-garaxx u f`uhud mill-fondi l-ohra irrizultaw pozittivi bis-sejba ta` ammont ta` sigaretti, tabakk u xorb alkoholiku, kollha stdazjati. Irrizulta wkoll li r-rikorrent Massimo Drago gieli biegh sigaretti u tabakk bla dazju lil persuni Maltin ghall-konsum f`Malta bi ksur tal-ligi u bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-licenzja ta` tax warehouse.*

*Illi ghalkemm hu minnu li s-socjeta` rikorrenti hi awtorizzata li jkollha tax warehouse u li tbiegh sigaretti u tabakk u oggetti ohra bla dazju ghall-esportazzjoni biss, dan il-bejgh isir taht kontrolli stretti, fosthom li l-hrug ta` kull konsenja li tohrog mill-mahzen irid ikun awtorizzat mill-esponent. Is-sigaretti u tabakk maqbud ma kellhomx din l-awtorizzazzjoni.*

*Illi rigward it-talbiet fir-rikors promotur, l-esponent jissottometti li l-unika talba li tista` ssir f`din il-procedura, hija biss it-talba ghar-rilaxx tal-oggett maqbud, u dan ai termini tal-artiklu 73(2) tal-Kap 37. Ghalhekk it-tielet u r-raba` talba ma setghux isiru u din l-Onorabbli Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghhom.*

*Illi pero`, jekk din l-Onorabbli Qorti tiehu konjizzjoni tat-tielet u r-raba` talba xorta wahda, jinghad f`kull kaz li kwalunkwe talba ghal danni rizultanti minn ghemil amministrattiv trid tkun gudikata fis-sens tal-artiklu 469A tal-Kap 12, stante li l-ligi ma tipprovdi ghal ebda procedura generali ohra li tattaka ghemil amministrattiv ghajr din. Dan l-artiklu jipprovdi li biex l-amministrazzjoni twiegeb ghad-danni, trid tirrizulta mala fede fl-ghemil amministrattiv, u kif se jirrizulta mill-provi, l-esponent agixxa korrettement u skond il-ligi.*

*Illi f`kull kaz, jinghad ukoll li l-ebda danni ma jistghu jintalbu rizultanti minn qbid ta` vettura, u dan ai termini tal-artiklu 68(3) tal-Kap 37.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontrihom.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti.

**Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta` Ottubru 2009 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fejn *inter alia* r-rikorrenti rtiraw t-tielet u r-raba` talbiet.**

Rat illi fl-udjenza tal-25 ta` Novembru 2009 din il-Qorti diversament presjeduta laqghet talba tar-rikorrenti ghal korrezzjoni fl-occhio tar-rikors fis-sens illi l-isem tal-kumpannija rikorrenti jigi jaqra "*Tax Free Services Limited*".

Rat illi fis-seduta tat-23 ta` Frar 2010 din il-Qorti diversament presjeduta laqghet talba tal-partijiet sabiex tissoprassjedi fil-kawza tal-lum, sakemm ikun hemm decizjoni finali fil-kawza fl-ismijiet *"Il-Pulizija (Spt. Maurice Curmi) vs Massimo Drago"* li dak iz-zmien kienet pendent quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali. Ghalhekk il-kawza tal-lum kienet differita *sine die* sakemm il-kawza kriminali tkun deciza finalment.

Rat is-sentenza li tat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali fis-27 ta` Lulju 2016 fil-kawza fl-ismijiet *`Il-Pulizija (Spt. Maurice Curmi) vs Massimo Drago`* fejn l-imputat kien dikjarat mhux hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u liberat. Is-sentenza ghaddiet in gudikat.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti kif presjeduta tal-10 ta` Ottubru 2017 fejn ir-rikors kien riappuntat ghas-smigh ghat-30 ta` Ottubru 2017.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-27 ta` Novembru 2017 fejn awtorizzat il-prezentata ta` kopja legali tax-xiehda li ufficjali tad-Dwana kienu taw fil-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali.

Rat id-digriet li nghata fl-udjenza tal-15 ta` Jannar 2018 fejn kienet milqugha talba tal-intimat ghal korrezzjoni sabiex in-nomenklatura tieghu tigi taqra *Direttur Generali (Dwana).*

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet prezentati mill-partijiet.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Analizi tal-provi

### 1. Ix-xiehda taz--zewg rikorrenti

Dione Drago huwa direttur ta` Tax Free Services Limited waqt illi Massimo Drago huwa impjegat tal-kumpannija. Il-kumpannija hija licenzjata sabiex topera *tax free warehouse* li jfisser illi tkun awtorizzata mill-intimat sabiex ikollha mhazen fejn izzomm merkanzija konsistenti minn xorb u sigarretti.

Fuq dawn il-prodotti hija dovuta is-sisa (*excise duty*) izda meta s-sigarretti u xorb ikunu go mahzen debitament licenzjat tkun kollha minghajr dazju.

Min-naha tal-intimat dan ikun jaf x`merkanzija jkun hemm fil-mahzen sal-inqas dettall. Propju ghalhekk isiru ezercizzji ta` *stock take* kull xahar billi ufficjali tad-Dwana jispezzjonaw l-*istock* fl-mhazen, u jekk dak l-*istock* ma jkunx jaqbel mal-bejgh li jkun sar, allura tkun trid tithallas il-VAT u s-sisa fuq l-*istock* li jirrizulta nieqes. Ghal dan il-ghan tohrog garanzija bankarja obbligatorja favur l-intimat sabiex taghmel tajjeb ghall-hlas li jkun dovut.

Ir-rikorrenti fissru illi meta l-merkanzija tkun ser tinbiegh *tax free* trid tigi segwita procedura partikolari fejn tkun ssir dikjarazzjoni mad-Dwana illi jkun ser isir il-bejgh u jigi ordnat fizzjal sabiex jaghmel l-ispezzjoni. Il-fizzjal jara l-ordni li tkun diga` tghabbiet ghat-trasport, u jara li din tkun tikkorrispondi mal-lista tal-*istock* illi tkun trid tmur ghand id-Dwana u tkun dikjarata bhala lista ta` bejgh. Qabel ma jsalpa l-vapur fejn ikun destinat ix-xoghol li jkun se jmur barra mill-pajjiz, il-fizzjal flimkien maghhom imorru l-port u l-konsenja ghal fuq il-bastiment issir taht is-sorveljanza tal-ufficjal tad-Dwana li jikkonferma li l-merkanzija tkun tellghet abbord. Kien imfisser illi effettivament il-bejjiegh lanqas jitla` abbord il-vapur. Huwa l-fizzjal illi jitla` bix-xoghol u jara li jigi kkonsenjat lill-persuni illi jkunu ordnaw ix-xoghol u li jkunu sejrin johduh maghhom barra mill-pajjiz. Dak illi ma jigix konsenjat, il-fizzjal jinzel minn abbord bix-xoghol mhux konsenjat u dak jigi dikjarat bhala *returns*.

Daqstant bhala procedura.

Relattivament ghall-incident tal-31 ta` Awissu 2007, inghad illi fil-31 ta` Awissu 2007, Massimo Drago rcieva ordni ghal oggetti *duty free* mill-bastiment Gran Mistral li kien ormeggjat il-Port il-Kbir. Ighid li ghabba l-ordni fil-vettura tal-marka Toyota Lite-Ace Nru. TXF 002, li kienet tintuza regolarment mill-kumpanija rikorrenti ghall-garr tal-merkanzija. Jixhed illi ha hsieb illi javza lid-Dwana bil-konsenja, u ha hsieb ukoll li jgharraf lill-fizzjal tad-Dwana sabiex jiltaqghu fis-2.00 p.m. halli l-fizzjal ikun jista` jaghmel id-debiti verifiki qabel il-merkanzija tittella` abbord il-vapur.

Kienu prezentati numru ta` dokumenti minn fejn tirrizulta l-ordni illi kienet waslet ghand ir-rikorrenti mill-passiggieri abbord il-bastiment Gran Mistral, ir-rikjesta ffirmata minn Massimo Drago ghall-esportazzjoni tal-merkanzija, u ricevuta tal-hlas tal-fizzjal tad-Dwana li kellu l-inkariku li jispezzjona u jivverifika l-konsenja.

Massimo Drago jixhed illi kien qieghed jaghmel xi qadi barra qabel imur ihott il-merkanzija l-Port. Mar ghand certu John Mary Azzopardi Hal-Qormi sabiex ibieghlu l-van in kwistjoni. Gara pero` illi hemm sab l-ufficjali tad-Dwana li kienu fuq il-post minhabba sejba ta` sigaretti bla dazju gewwa l-garaxx ta` John Mary Azzopardi. L-ufficjali hadu l-merkanzija u l-vettura ghaliex qalu li l-merkanzija kienet ser tinbiegh illegalment. Azzopardi kien allega illi s-sigaretti fil-pussess tieghu kien xtrahom ftit granet qabel minghand ir-rikorrenti. Ir-rikorrenti cahdu l-allegazzjoni ta` Azzopardi. Huma sahqu illi ftit jiem qabel l-incident merftu ta` din il-kawza kien sar *stock take* mill-ufficjali tad-Dwana u l-ammont ta` *stock* fil-mahzen kien jaqbel ma` dak li kien inbiegh.

Konsegwenza ta` l-qbid mid-Dwana, il-merkanizja spiccat ma marritx abbord il-bastiment in kwistjoni.

Ir-rikorrenti jishqu illi kienu debitament awtorizzati mid-Dwana sabiex igorru l-merkanzija. Ghalhekk jikkontestaw illi kienu kommessi rregolaritajiet. Huma mxew mal-procedura kif dejjem sar.

Massimo Drago zied jixhed illi dakinhar tar-*raid* fil-mahzen ta` Azzopardi ma kellux dokumenti fuqu ghaliex kien ghadu kellu lura l-mahzen taghhom halli

jkompli jghabbi aktar merkanzija, billi jigri diversi drabi li l-ordnijiet jibqghu dehlin sal-ahhar hin. Qal illi l-lista tinghalaq biss siegha qabel mal-merkanzija tittella` fuq il-vapur ; imbaghad il-fizzjal jaghmel il-verifiki. Wara li jaghmel it-timbri fuq id-dokumenti, il-merkanzija tmur abbord.

Ikompli jinghad illi l-merkanzija maqbuda baqghet ghand id-Dwana ghal aktar investigazzjoni, ghalkemm il-vann kien rilaxxjat wara li r-rikorrenti hallsu l-garanzija. Il-vettura baqghey ma nbieghetx.

Fil-kors tal-kontroezami, Massimo Drago stqarr illi meta hadu lura l-vann dan kien mimli sadid ghaliex dam sena u nofs ghand id-Dwana hdejn il-bahar. Kellu jingibed peress li ma startjax. Il-van jinsab ipparkjat quddiem il-hanut tar-rikorrenti u ma jintuzax.

## 2. <u>Ix-xiehda tal-ufficjali u fizzjali tad-Dwana</u>

Xehdu diversi ufficjali tad-Dwana fil-kors tal-proceduri kriminali. Ohrajn rega` ddeponew viva voce quddiem din il-Qorti jew kien prezentat affidavit taghhom.

Min-naha tad-Dwana nghad illi Massimo Drago kien *tax warehouse keeper*. Kien licenzjat biex ibiegh prodotti bla dazju lil passiggieri abbord vapuri.

L-ufficjali xehdu illi fid-data in kwistjoni kienet qeghda ssir tfittxija go garage ta` John Mary Azzopardi, bhala parti minn operazzjoni aktar wiesgha dwar kuntrabandu. Dak il-hin wasal Massimo Drago bil-van Toyota Lite-Ace Nru TXF 002 hdejn il-garage ta` Azzopardi.

Mill-atti ma jirrizultax kjarament jekk Massimo Drago effettivament kienx imwaqqaf barra fit-triq tal-garaxx jew inkella kienx dahal minn rajh fil-garaxx in kwistjoni.

Massimo Drago jinsisti illi huwa kien imwaqqaf barra l-garage, fit-triq, fejn kien hemm diversi ufficjali kemm tad-Dwana kif ukoll tal-Pulizija. Skont

Drago, sakemm kienet ghaddejja l-operazzjoni, huwa kien dirett sabiex idahhal il-vann fil-garage.

Din il-parti tal-grajja mid-deskritta minn Drago hija kontestata mill-intimat.

Fil-kors tal-kawza kriminali, Carmel Attard xehed illi :-

sema "*hoss ta` vettura tregga` gewwa l-garaxx*" (fol. 32).

Ufficjali ohra xehdu diversament.

Philip Spiteri xehed illi :-

"*gie van bin-numru ta` registrazzjoni TXF002 li kien misjuq mill-akkuzat.*

…

*Jiena li nista` nghid hu li meta infetah il-van fuq talba taghna, u wara li l-van kien iddahhal fil-garaxx*" (fol. 35-36).

John Mifsud stqarr :

"*Imbaghad hargu struzzjonijiet biex isiru xi tfittxijiet f`xi residenzi u s-Sur Massimo Drago gie imgieghel idahhal il-van f`dan il-garaxx.*" (fol. 39).

Bhala fatt fil-vann misjuq minn Drago instabu 410 grossa sigaretti ta` divesi marki u 18 il-kilo tabakk tal-brim.

Irrizulta illi fuq is-sigaretti kien nieqes il-faxx tas-sisa. Dan ifisser illi dawk is-sigaretti ma kellhomx dazju mhallas fuqhom. Is-sigaretti kienu go kaxxi minghajr ebda marki minn barra b`mod u manjiera illi mad-daqqa t`ghajn il-kontenut tal-kaxxi ma kienx jidher. Meta nfethu l-kaxxi kienet tidher it-*trademark* tas-sigaretti.

Kien spjegat illi *authorised tax warehouse keeper* irid josserva kondizzjonijiet inseriti fil-licenzja. Fosthom illi l-persuna koncernata tkun trid taghmel garanzija bankarja li tkun trid tirrispekkja l-volum tal-*istock*. Fil-fatt ir-rikorrenti kellhom din il-garanzija bankarja. Il-garanzija bankarja tiskatta meta ma jkunx hemm qbil bejn l-*istock* disponibbli fil-mahzen u dak dikjarat bhala mibjugh sabiex taghmel tajjeb ghall-hlas tas-sisa fuq l-i*stock* li jirrizulta nieqes.

Bhala *modus operandi* l-ufficjali tad-Dwana b`telefonata ghall-gharrieda l-ufficjali tad-Dwana jesigu illi jinfetah il-mahzen fejn tinzamm il-merkanzija *tax free* u jsiru spezzjonijiet regolari fuq l-*istock* fil-pussess ta` l-*authorised tax warehouse keepers*. B`hekk id-Dwana jkollha rendikonti dettaljati hafna tal-i*stock* kollu li jkun hemm go gewwa kull *tax free warehouse*.

Peter Cassar fix-xiehda tieghu jikkonferma illi dawn l-ispezzjonijiet isiru b`mod regolari. Qal ukoll illi meta l-merkanzija tkun ser tigi esportata, trid tkun koperta bid-dokumentazzjoni relattiva, u l-konsenja trid issir taht is-sorveljanza ta` fizzjal tad-Dwana, li wara li jara l-merkanzija, jiccertifika illi din tkun giet konsenjata fil-bastiment li jkun ser jitlaq minn Malta.

Il-persuna licenzjata bhala *tax warehouse keeper* irid ikollha dokument maghruf bhala IAAT li huwa *administrative company document* li jawtorizza lil dik il-persuna illi tittrasferixxi merkanzija konsistenti minn sigaretti jew xorb minn mahzen ghal iehor, jew inkella li jkollu dokument illi jawtorizzah ibiegh sigaretti minghajr dazju lill-passiggieri li jkunu ser jitilqu bil-vapur.

Inghad illi meta kien mwaqqaf dakinhar tal-kaz, Massimo Drago ma pprezenta ebda dokument li jirreferi ghall-oggetti sdazjati, ghalhekk il-merkanzija u l-vettura gew elevati.

Il-vettura kienet rilaxxjata in segwitu wara li sar depozitu fl-ammont ta` €2329 liema ammont serva bhala garanzija ghall-vettura ai termini tal-Art 72(4) tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta` Malta.

L-ufficjali li ghamlu r-raid Hal-Qormi xehdu illi ma vverifikax jekk l-ordni dwar is-sigaretti kinitx dikjarata jew le mad-Dwana sabiex jittellghu fuq il-vapur, kif lanqas ma vverifikaw kienx minnu dak illi qal Massimo Drago illi kien hemm fizzjal li kellu li kellu jmur jiltaqa` mieghu fis-2.00 p.m.

Peter Cassar ikkonferma illi :-

"*Jiena naf l-istock kollu tieghu, jigifieri ghandi kollox up to date.*" (fol. 64)

Qal ukoll illi l-prodotti fil-pussess ta` Drago kienu huma kollha bla dazju.

Fil-kors ta` din il-kawza, xehed ukoll Carmel Attard mid-Dipartiment tad-Dwana dwar dak li sejjah inesattezzi sostanzjali fid-deposizzjoni ta` Massimo Drago quddiem il-Qorti.

Sejra ssir referenza mhux ghall-fatti u proceduri li diga` rrizultaw izda ghal fejn hemm kuntrast fil-provi.

Xehed illi l-garage ta` Hal-Qormi ma kienx licenzjat bhal dak tar-rikorrenti. Spjega illi waqt l-operazzjoni hu mar hdejn il-bieb ta` barra illi kien sokkjuz u sema` vann jirriversja ghal gol-garaxx. Il-vann kien targat TXF 002 u kien misjuqa minn Massimo Drago. Hareg barra xhin gharaf lil Massimo Drago u staqsieh x`kien qed jaghmel hemm. Fil-vann kien hemm kwantita` kbira ta` sigaretti u tabakk tas-sigaretti bla dazju. Ghalhekk waqqaf lil Massimo Drago. Dak il-hin Drago qallu li ghandu t-tfal.

Skont Carmel Attard, mhux minnu li l-vann ta` Drago twaqqaf barra fit-triq. Fil-hin li kien notat Drago, hu u l-kollegi tieghu kienu kollha gewwa l-mahzen u kien hu biss li hareg u sab lil Drago jirriversja.

Spjega illi Drago pprova jiggustifika l-garr tas-sigaretti bil-fatt illi kien hemm garanzija bankarja li tkopri d-dazju. Drago ma kellux permess igorr is-sigarretti bil-mod kif ghamel dakinhar. Skont il-Kap 382 tal-Ligijiet ta` Malta, oggetti bla dazju jistghu jingarru b`arrangement ta` sospensjoni tad-dazju u sisa. Dakinhar Drago ma kienx konformi mal-Art 12(3)(c) tal-Iskeda tal-Kap 382 li

jitlob li garr ta` merkanzija bla dazju minn mahzen tat-taxxa ghal iehor jrid ikun kopert bid-dokument IAAD (International Administrative Accompanied Document). Irrizulta li Drago kienx sprovvist minn dan id-dokument. U lanqas ipprezenta dokumenti ohra.

Fost id-dokumenti li l-operatur irid jipprezenta hija lista tal-passiggieri li ghalihom ikun destinat ix-xoghol, bl-identifikazzjoni taghhom.

Carmel Attard xehed illi Drago ma osservax il-procedura.

Sahaq :-

"*Le u zgur li le, assolutament li le, assolutament le. Mill-investigazzjoni li smajt wara illi dak id-dokument li prova jaghti jew li prezenta lanqas biss kien ittimbrat jigifieri lanqas biss kien mar biex jirregistrah biex ikun jista` jaghmel dan it-tip ta` xoghol.*"

Kompla stqarr illi Drago ma tah l-ebda spjegazzjoni ghalfejn mar il-mahzen ta` Azzopardi.

Fisser illi huwa sakkar il-vann ta` Drago fil-garage ta` Azzopardi u halla lil Drago barra flimkien ma` ufficjali ohra tad-Dwana.

It-talba minn Tax Services Limited biex imur fizzjal jispezzjona l-ordni dahlet fis-2.30 p.m. ta` dakinhar.

Carmel Attard wiegeb ghal domandi li saru in kontroezami.

Xehed illi l-ftuh tal-garaxx kellu zewg bibien : dak il-hin wahda kienet maghluqa ; u l-ohra nofsha mbexxqa.

Mistoqsi kif ikkonkluda illi Drago kien ser jidhol fil-garaxx, xehed illi huwa sema` l-hoss ta` vettura tirriversja u meta hareg ra x`kien qieghed jigri. Sab il-vettura misjuqa minn Drago bil-wara taghha thares lejn il-garaxx.

Mistoqsi jekk jafx illi harget fattura ghas-servizz tal-fizzjal Albert Zammit ghall-ispezzjoni ta` l-ordni in kwistjoni (li baqghet ma saritx minhabba dak li nqala`) ikkonferma illi huwa minnu illi Albert Zammit thallas.

Il-fizzjal Albert Zammit xehed ukoll.

Xehed illi kellu l-inkariku sabiex fis-2.00 p.m. imur jispezzjona l-ordni in kwistjoni u jassikura li kollox imur abbord il-bastiment li kien ormeggjat fil-Port il-Kbir. Fil-hin miftiehem huwa nizel il-hanut tad-*duty free service* li jinsab biswit il-moll u hemm kien infurmat minn Dione Drago illi x-xoghol ma kienx ser imur. Il-pagament dovut thallas xorta.

**3. <u>Ix-xiehda ta` John Mary Azzopardi</u>**

Dan xehed fil-proceduri kriminali li kienu stitwiti kontra Massimo Drago mhux fil-kors tal-kawza odjerna.

Ix-xhud illum miet.

Xehed illi kienet saret tfittxija mill-ufficjali tad-Dwana fil-garage tieghu Hal-Qormi minn fejn kienet elevata kwantita ta` sigaretti. Kien xtara dawk is-sigaretti minghand Massimo Drago u hallsu Lm3,000.

Fil-kontroezami, John Mary Azzopardi kkonferma illi dakinhar tal-kaz huwa kien miftiehem illi jiltaqa` ma` Massimo Drago ghaliex kien imhajjar jixtri l-van ta` Drago.

Ippreciza li s-sigaretti li kien xtara minghand Drago kien madwar hmistax-il gurnata qabel l-incident mertu ta` din il-kawza.

Kompla jippreciza li effettivament is-sigaretti ma kienx xtrahom kollha minghand Drago izda kien xtara wkoll minghand certu Raymond Agius.

Stqarr illi dan Agius (illum mejjet) kien jheddu u kien ghalhekk illi qatt ma semmieh mal-Pulizija. Dan Agius fiz-zmien kien jimporta s-sigaretti u kien kompetitur ta` Drago.

Azzopardi stqarr illi mill-mod kif graw il-fatti dakinhar tal-31 ta` Awissu 2007 kien aktar komdu ghalih li jsemmi lil Massimo Drago mal-ufficjali tad-Dwana sabiex ma jdahhalx fl-istorja lil Raymond Agius, anke ghaliex l-istess Agius kien insista mieghu li jaghmel hekk.

## 4. <u>Ix-xiehda ta` Joseph Cordina (li kien Spettur tal-Pulizija)</u>

Dan xehed fil-proceduri kriminali li kienu stitwiti kontra Massimo Drago mhux fil-kors tal-kawza odjerna.

Ix-xiehda tieghu kienet iccentrata fuq l-istqarrijiet li kienu ghamlu Massimo Drago u John Mary Azzopardi dakinhar tal-kaz.

Stqarr illi John Mary Azzopardi kien qallu li ma kienx mahsub illi Massimo Drago jmur ghandu dakinhar li nqala` l-kaz, mentri Massimo Drago qallu li mar ghand Azzopardi ghall-bejgh tal-vann. Dan tal-ahhar cahad li kien mar biegh sigaretti lil Azzopardi.

B`referenza ghall-istqarrija ta` Drago, xehed hekk :-

"*… qalli wkoll li ghal dak inhar ma kellu ebda ordnijiet biex ibiegh sigaretti imma kien ghabbiehom biex jinzel il-port u **<u>forsi</u>** jsib xi turisti li dak il-hin jkunu sejrin `l barra minn Malta*" (fol. 197) [enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti]

Din tidher illi hija interpretazzjoni tax-xhud aktar milli dak li jirrizulta li Drago stqarr.

Infatti fl-istqarrija Drago jghid :-

"*Is-sigaretti kont se nerga nidhol bihom il-kumpanija u nerga immur ix-xatt il-port biex inbieghhom lit-turisti.*"

Mill-istqarrija, ma tirrizulta l-kelma "*forsi*" li jsemmi Cordina.

Fl-istqarrija (li tinsab in atti) Massimo Drago ighid illi filghodu ta` dakinhar kien cempel d-Dwana sabiex jibghatu fizzjal.

## III. Konsiderazzjonijiet

Bhala segwitu ghall-vicenda, li sintesi ghadha kif giet riprodotta, u skont il-provi akkwiziti, jirrizulta illi kienu hargu zewg noti ta` qbid : wahda bin-nru 24/2009 ghar-rigward tat-Tabakk Manifatturat u Tabakk, li nstabu fil-vettura targata TXF 002 (Dok D) ; u ohra bin-nru 25/2009 ghar-rigward tal-qbid tal-vettura tal-marka Toyota Lite-Ace targata TXF 002 (Dok E). Effett taz-zewg noti, inqabdu l-oggetti in kwistjoni.

***Per dovere di cronana,* il-Qorti tinnota illi ghalkemm il-qbid tal-vettura, tat-tabakk u tas-sigarretti sar fil-31 ta` Awissu 2007, in-noti ta` qbid hargu ftit inqas minn sentejn wara, u cioe fis-17 ta` Gunju 2009.**

Jirrizulta illi b`zewg ittri legali t-tnejn datati 3 ta` Lulju 2009, ir-rikorrenti rregistraw l-interess taghhom illi jikkontestaw il-qbid mertu taz-zewg noti skont l-Art. 72(2) tal-Kap 37. Ghalkemm ma jirrizultax mir-rikors promotur, huwa evidenti illi r-rikorrenti qeghdin jibbazaw l-istanza taghhom fuq l-**<u>Art 72 tal-Kap 37</u>** li taqra hekk :-

> *(1) Kull meta jsir qbid, barra minn meta jsir quddiem il-hati jew is-sid, ta` oggetti suggetti ghal konfiska taht din l-Ordinanza, l-ufficjal li jaghmel il-qbid ghandu jaghti avviz bil-miktub ta` dan il-qbid u tar-raguni tieghu lil sid l-oggetti maqbuda, jekk maghruf, sew billi jaghti dan l-avviz lilu personalment*

*jew b`ittra irregistrata indirizzata lilu jew imhollija fil-lok maghruf bhala l-ahhar li fih kien joqghod jew li kellu n-negozju tieghu f`Malta.*

*(2) Il-hwejjeg maqbuda taht din l-Ordinanza jitqiesu ikkonfiskati bis-sahha tal-ligi stess u jistghu jinbieghu jew jista` jsir bihom xort`ohra, kif jordna l-Ministru responsabbli ghad-Dwana, kemm-il darba dak li minghandu l-haga tkun giet maqbuda, jew sidha, jew xi hadd awtorizzat minnu, fi zmien tletin gurnata mill-qbid, ma jaghtix avviz bil-miktub lill-Kummissarju, li hu jitlob lura l-hwejjeg hekk maqbuda jew li bi hsiebu jitlobhom lura ; f`dan il-kaz il-persuna li titlob lura l-hwejjeg maqbuda ghandha, fi zmien tletin gurnata minn dak l-avviz, tibda l-procediment mehtieg quddiem il-qorti civili kompetenti, skont il-valur tal-haga maqbuda, u, fin-nuqqas ta` dan il-jedd fuq din il-haga jitqies li gie mitluq.*

…

*(4) Meta qbid maghmul skont dan l-artikolu jigi kontestat skont is-subartikolu (2) tieghu, il-Kummissarju jista`, f`kull zmien, jekk jidhirlu li jkun hekk xieraq u minkejja li jkunu ghadhom ghaddejjin l-procedimenti li fihom ikun qed jigi kontestat, jikkunsinna kull oggett maqbud lil kull min jaghmel talba b`jedd li hekk kif dan ihallas lill-Kummissarju dik is-somma li l-Kummissarju jidhirlu li tkun adegwata u li ma tkunx taqbez dik li, fil-fehma tal-Kummissarju, tkun tirrapprezenta l-valur tal-oggett, maghdud kull dazju, imposta jew taxxa li jridu jithallsu fuqu u li ma jkunux thallsu jew hekk kif dan jaghti lill-Kummissarju dik il-garanzija accettabbli ghall-istess Kummissarju ghall-hlas ta` dik is-somma. Dik is-somma jew garanzija, skont il-kaz, ghandha tinzamm biex taghmel tajjeb ghal kull pretensjoni li jista` jintalab dwarha skont il-ligi u ghall-fini ta` kull procedimenti mehuda taht din l-Ordinanza dwar l-oggetti maqbuda, ghandha tirripprezenta u tissostitwixxi l-oggetti maqbuda msemmija.*

Minn ezami tar-rikors promotur, jirrizulta li l-procedura odjerna fejn ir-rikorrenti talbu *inter alia* r-revoka taz-zewg noti ta` qbid u r-rilaxx tal-oggetti kolpiti biz-zewg noti kienet inizjata fit-terminu ta` tletin (30) jum.

Kif irrizulta mill-provi, senjatament Dok JBA a fol 84, il-vettura giet rilaxxjata mill-intimat fit-28 ta` Jannar 2010 wara li r-rikorrent Dione Drago ghal Tax Free Services Limited iddepozita l-ammont ta` €2,329 ghall-fini tar-rilaxx tal-vettura. Is-somma nzammet mill-intimat bhala garanzija sabiex taghmel tajjeb ghal kull pretensjoni illi jista` jkun hemm fir-rigward tal-oggetti maqbuda.

Ir-rikorrenti talbu wkoll il-likwidazzjoni tad-danni li jghidu li garrbu (it-tielet talba) kif ukoll il-kundanna tal-intimat ghall-hlas tal-istess (ir-raba` talba). Kontra t-tielet u r-raba` talbiet, l-intimat eccepixxa li dawk iz-zewg talbiet ma setghux jitressqu fi procedura ta` din ix-xorta ghaliex a tenur tal-Art 73(2) tal-Kap 37, l-uniku talba illi setghet issir kienet ir-rilaxx tal-oggetti maqbuda.

**Fil-kors tas-smigh ta` l-kawza, senjatament fl-udjenza tal-20 ta` Ottubru 2009 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, ir-rikorrenti rtiraw it-tielet u r-raba` talbiet.**

**Ghalhekk il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta` dawn iz-zewg talbiet.**

**Jifdal ghall-Qorti li tqis l-ewwel u t-tieni talbiet li huma konsegwenzjali ghal xulxin, b`dan illi fejn jirrigwarda l-vettura, tkun trid tipprovdi dwar id-depozitu ta` €2,329 li sar bhala garanzija ghar-rilaxx tal-vettura.**

Dwar il-mertu ta` dawn iz-zewg talbiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza li tat fid-29 ta` Jannar 2010 fil-kawza "**<u>Priscilla Cassar et vs Kontrollur tad-Dwana</u>**" qalet hekk :-

> *Dak li trid tara l-Qorti f`dawn il-proceduri huwa li tezamina c-cirkostanzi tal-kaz fid-dawl tal-ligijiet*

*doganali applikabbili u tara jekk ir-rikorrent huwiex intitolat li jiehu lura l-hwejjeg hekk ikkonfiskati.*

…

*Id-dmir tal-Qorti f'dawn ic-cirkostanzi* ***mhux li tiddikjara valida jew nulla n-Nota` ta` Qbid mahruga mill-intimat, izda li tezamina u tiddetermina jekk effettivament kienx hemm il-ksur allegat tad-disposizzjonijiet invokati mill-intimat biex jiggustifika l-qbid u ghalhekk jekk il-qbid tal-oggetti relattivi kienx legalment gustifikat.*** (enfasi ta` din il-qorti)

Dan premess, nigu ghall-fatti kif dawn jemergu mill-provi.

Jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti taghmel negozju fil-qasam ta` l-merkanzija *tax free* illi tinbiegh lit-turisti. Ir-rikorrent Massimo Drago huwa mpjegat taghha waqt illi huh Dione Drago huwa direttur. Ghalkemm ma kienux esebiti d-dokumenti proprji, mhux kontestat illi s-socjeta` rikorrenti hija licenzjata biex taghmel dak in-negozju u ghandha l-permess li jkollha mhazen fejn izzomm dawn il-prodotti *tax free*.

Jirrizulta li sabiex ikun jista` jsir bejgh ta` merkanzija *tax free* l-persuna licenjzata tkun trid tipprovdi garanzija bankarja favur l-intimat ghall-eventwalita` li jirrizulta nuqqas fl-*stock* li jkun hemm fil-mahzen. Almenu kopja ta` dik il-garanzija bankarja ma kenitx esebita, ghalkemm il-fatt li kienet fis-sehh mhux kontestat, tant li kienet invokata mill-intimat innifsu li ghamel uzu minnha.

Sija fid-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali kif ukoll quddiem din il-Qorti, ir-rikorrent Massimo Drago jidher li kien dejjem konsistenti.

Ighid li ghabba l-vann, mar jaghmel xi qadi, ghadda Hal-Qormi ghand John Mary Azzopardi sabiex ibieghlu l-vann u kellu jmur lura l-mahzen biex jiffinalizza l-ordni. Kellu jiltaqa` mal-fizzjal tad-Dwana fis-2.00 p.m. Il-fizzjal

Albert Zammit jikkonferma. Dan qal ukoll illi l-ordni ghall-ispezzjoni saret minn kmieni ghaliex dak it-tip ta` spezzjoni kien jitqies bhala sahra ghalihom.

Bhala fatt l-unika prova dokumentarja tal-ordni tat-tabakk u sigaretti bla dazju li kellha tkun konsenjata abbord il-bastiment koncernat fil-31 ta` Awissu 2007 hija dik li tirrizulta mir-*records* interni tar-rikorrenti.

Infatti r-rikorrenti pprezentaw lista tal-passiggieri bl-ordni illi kull wiehed minn dawn kien ghamel ghal dakinhar. Ipprezentaw ukoll *Declaration of Exportation of Goods*. Din hija ffirmata biss minn Massimo Drago ghaliex kif irrizulta mill-provi, ix-xoghol ma marx abbord u allura baqa` qatt ma gie vverifikat u ttimbrat mill-ufficjali tad-Dwana.

Kif irrizulta wkoll mill-provi, il-verifiki, il-firem u t-timbri mill-ufficjali tad-Dwana jsiru biss meta tinghalaq il-lista min-negozjant u l-merkanzija tkun ser tmur il-port.

Tajjeb li jigi rilevat illi l-procedura hija wahda stretta hafna u tkun kondotta taht kontroll akkurat.

Carmel Attard xehed illi n-negozjant huwa mistenni skont il-procedura illi jmur id-Dwana u jgib il-permessi relattivi sabiex il-merkanzija tkun tista` titla` abbord il-bastiment. Xejn minn dan ma jirrizulta illi sar dakinhar tal-kaz ghaliex il-merkanzija baqghet maqbuda gol-vann.

Ghalkemm fil-proceduri kriminali r-rikorrent Massimo Drago kien liberat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu dwar evazjoni ta` dazju u kontrabandu, il-kontestazzjoni tal-intimat fil-kawza tal-lum tibqa` dik illi Massimo Drago ma kellu l-ebda permess idur fit-toroq b`merkanzija minghajr dazju.

Fil-fatt il-posizzjoni tal-intimat kienet u baqghet illi l-qbid tat-tabakk u tas-sigaretti li kienu fil-pussess ta` Massimo Drago saret korrettement billi rrizulta li dak ix-xoghol irrizulta li kien sdazjat u kien sprovvist minn dokument li kien jiggustifika l-prezenza ta` dak ix-xoghol sdazjat fit-triq.

Il-pern tal-kwistjoni kollha ghalhekk hija proprju jekk Massimo Drago kienx awtorizzat (b`licenzji jew permessi) illi johrog fit-triq b`merkanzija sdazjata. Da parti tar-rikorrenti l-pretensjoni kienet illi huma kienu debitament awtorizzati sabiex igorru dik il-merkanzija.

L-**<u>Art 12 tas-Sitt Skeda tal-Kap 382</u>** (l-Att dwar Dazju tas-Sisa) jistabilixxi l-procedura illi ghandha tkun segwita meta jkun hemm moviment ta` merkanzija kopert bl-Att minn post ghal iehor :-

> *1) Save as is otherwise provided by any law excise goods produced in Malta may be kept by the authorised warehouse keeper under duty suspension within the precincts of a registered tax warehouse.*
>
> *(2) Such goods may be moved under duty suspension from a registered tax warehouse to another tax warehouse or from such tax warehouse to a place of loading for export as merchandise or as ship`s stores or for delivery to persons exempted as provided for in article 14 of the Act.*
>
> *(3) All such removal of excise goods without payment of duty shall, unless the Commissioner may otherwise allow, be subject to the following conditions :*
>
> *(a) the goods are transported in containers or packages which are secured by a form of seal approved by the Commissioner or under customs escort, in either case as directed by the Commissioner; and*
>
> *(b) the goods are accompanied by the Internal Administrative Accompanying Document (IAAD) as specified in the Annex to these regulations signed by the consignor and approved by the Commissioner, which shall specify the place from which they are despatched and the place to which they are consigned and the quantity and description of the goods; and*
>
> *(c) the Internal Administrative Accompanying Document (IAAD) as specified in the Annex to these regulations shall be signed by the consignee*

*acknowledging receipt or in the case of shipment, by the excise officer acknowledging receipt on board ; and*

*(d) excise duty due on the goods should be safeguarded in such manner as the Commissioner may establish.*

L-**Art 60, 68 u 69 tal-Kap 37** (l-Ordinanza tad-Dwana) jipprefigu tassattivament illi dawk l-oggetti mahsuba illi jkunu l-oggett ta` kontrabandu ghandhom jigu konfiskati flimkien mal-oggetti l-ohra li jkunu gew uzati biex jingarru jew jinhaznu fihom jew jahbuhom.

In partikolari :-

Skont l-**Art 68** tal-Kap 37 ghandhom jigu konfiskati kull mezz, inkluz vetturi, jew mezzi ohra ta` garr li jkun sar xjentement uzu minnhom fl-importazzjoni, fl-izbark, fit-twarrib, fit-tizmim, fil-habi, jew fil-garr ta` oggetti li d-dazju taghhom ma jkunx imhallas jew li jkunu, taht din l-Ordinanza, suggetti ghal konfiska ghandhom jigu kkonfiskati.

Skont dak ravvizat fl-**Art 69**, l-oggetti jistghu jigu sekwestrati minn ufficjali tad-Dwana jew tal-Pulizija u jitqieghdu minnufih taht idejn il-Kummissarju.

Ai tenur tal-**Art 72**, l-ufficjal li jaghmel il-qbid ta` oggetti soggetti ghall-konfiska ghandu jaghti avviz bil-miktub ta` dan il-qbid u kif ukoll tar-raguni tieghu lil sid l-oggetti maqbuda. Jekk il-qbid isir quddiem is-sid tal-oggetti konfiskati, ma jkunx mehtieg illi jinghata tali avviz.

**Premessi dawn id-disposizzjonijiet u meqjusa fl-isfond tal-fatti li rrizultaw mill-provi, il-Qorti tosserva li l-intimat (jew il-persuni li hadu azzjoni f` ismu) m`ghamlu xejn li ma kienx permess mil-ligi.**

Saret il-prova illi fil-31 ta` Awissu 2007, Massimo Drago kien mizmum mill-ufficjali tad-Dwana meta dawn kienu qeghdin jaghmlu *raid* ghal

kontrabandu li kien qed isir go mahzen ta` terzi. Waqt li kienet qeghda ssir din l-operazzjoni, jirrizulta li Massimo Drago ghadda mis-sit b`vann fejn kien hemm merkanzija sdazjata u ma kellu l-ebda dokument fuqu sabiex jiggustifika l-garr ta` dik il-merkanzija.

L-**<u>Art 12(3)(b) tal-Kap 382</u>** jipprefiggi illi l-garr ta` merkanzija bla dazju, sakemm ma jkunx permess mod iehor, irid ikun akkumpanjat b`dokument bl-isem IAAD – Internal Administrative Accompanying Document (ara d-disposizzjoni *supra*).

Ma hemmx dubju illi Massimo Drago ma kellux dan id-dokument. La pprezentah dak il-hin illi twaqqaf u lanqas wara.

**Dan il-fatt kien jawtorizza lill-ufficjali tad-Dwana sabiex jaghmel l-konfiska sija tal-merkanzija sdazjata kif ukoll tal-vettura illi ntuzat ghall-garr.**

Mix-xiehda tal-ufficjali tad-Dwana jidher illi ghalkemm dawn kienu jafu min kien Massimo Drago u x-xoghol li kien jaghmel, huma xorta elevaw il-merkanzija u l-vettura ghaliex meta Drago kien mitlub jipprezenta dokumentazzjoni sabiex jiggustifika l-prezenza tal-merkanzija fil-van, dak ma pprezenta xejn.

Ghalkemm Drago kien qrib sit fejn kienet qeghda ssir operazzjoni ta` tfittxija ghal kontrabandu, dak il-hin l-ufficjali tad-Dwana ma ndagawx x`kien ser isir bil-merkanzija li kellu ; lanqas ma ghamlu verifiki sabiex jaraw kienx minnu jew le dak illi kien qieghed ighid Drago u cioe` illi kien debitament licenzjat u li kellu fizzjal maqlugh sabiex jispezzjona l-merkanzija li kellu fil-van. Fix-xiehda taghhom waqt il-proceduri kriminali, l-ufficjali tad-Dwana stqarrew illi dawk il-verifiki ma sarux u ma kienx mehtieg illi jsiru.

**Huwa evidenti illi l-punt dak il-hin kien biss illi nstabu oggetti sdazjati, kif ukoll jekk dawk l-oggetti kienux akkompanjati mill-IAAD. Jekk fil-posittiv, kellhom jigu elevati kif titlob il-ligi.**

Dan premess, issir referenza ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta` Ottubru 2005 fil-kawza fl-ismijiet "**Francis Xuereb pro et noe vs Kontrollur tad-Dwana**" fejn inghad :-

> *Skont principji tradizzjonali, fil-kamp civili, l-onus probandi jaggrava dejjem fuq l-attur jew f` dan il-kaz, ir-rikorrenti, ghaliex l-affermazzjoni qed jaghmilha hu, u l-intimat ma ghandux ghalfejn jaghmel il-prova negattiva. L-intimat jibqa` assistit mir-regola procedurali sancita fl-Artikolu 562, Kapitolu 12 li tistabilixxi illi "l-obbligu tal-prova ta` fatt imiss dejjem lil min jallegah". Dan ifisser illi huwa r-rikorrenti li jibqa` mghobbi li joffri prova adegwata u allura c-certezza tal-fatt allegat. Xejn allura ma jiswa r-riljiev sottomess mill-appellanti tal-falliment tal-provi dedotti mill-intimat in dimostrazzjoni ta` l-infondatezza tal-pretensjoni tieghu. Dan anke ghaliex huwa konformi ghall-principju regolanti l-piz tal-prova, u allura wkoll ta` l-esigenza logika, illi l-addossar ta` dan l-istess piz jaqa` fuq min jallega fatt favorevoli ghalih. Jaggrava ghalhekk bi dmir fuqu li jaghti prova ta` l-ezistenza ta` dak il-fatt.*
>
> …
>
> *Dan ghaliex, kif saput, id-dixxiplina tal-piz tal-prova hi regolata differentement fil-kamp penali. Il-mankanza tar-rikorrenti li jgib `il quddiem u jsostni l-fatt principali allegat igib, b`konsegwenza, illi lanqas ma jinsab sostenut illi l-intimat agixxa abuzivament jew mhux konformement mad-dettam u l-ispirtu tal-ligi fl-Ordinanza citata (Kapitolu 37).*

Issir ukoll referenza ghas-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-14 ta` Marzu 2016 fil-kawza fl-ismijiet "**Michael Zammit et vs Direttur Generali (Dwana)**" fejn inghad illi :

> *"Illi f`kawza ta` din ix-xorta, jaqa` fuq il-persuna li titlob ir-rilaxx tal-oggetti maqbuda li tressaq il-provi taghha fi grad tajjeb bizzejjed biex titwemmen li l-gid li trid li jinheles mill-qbid huwa mizmum kontra l-ligi.*

*Ladarba il-procediment gie mahsub mil-legislatur li jinstama` minn Qorti ta` kompetenza civili, u ladarba l-ligi nnifisha tghid li dwar kull procediment bhal dan japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili [vide Art 73(9) Kap. 37], huwa mistenni ghalhekk li l-grad tal-prova mressqa jkun wiehed li joqghod ghall-procedimenti ta` natura civili u mhux dak rigoruz tal-procedimenti penali;*

*Illi, minbarra dan, l-azzjoni attrici hija wahda mibnija fuq ligi fiskali. Dan ifisser ukoll li t-tifsira li trid tinghata lid-dispozizzjonijiet ta` ligi bhal dik trid tkun wahda li toqghod ghall-kelma tal-ligi bla tigbid zejjed. Hemm il-fehma wkoll li ligijiet tributarji huma ta` fejda jew utilita` pubblika u ghalhekk iridu jinghataw applikazzjoni fejn ma hemmx dubju dwar ic-cirkostanzi tat-thaddim taghhom, sakemm dak it-thaddim ma jkunx f`konflitt mal-ordinament taht il-ligi generali."*

(ara wkoll : **Neg. Giuseppe Muscat et noe vs Anthony Camilleri noe**, deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta` Jannar 1960 ; **Alfred Anastasi noe vs Anthony Camilleri noe**, deciza mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta` April 1964 ; **Cara Limited vs Kontrollur tad-Dwana**, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta` Frar 2003 ; **Waldorf Car Hire Ltd vs Habitat Ltd**, deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta` Marzu 2004 ; u **Joseph Mary Fenech vs Direttur Generali (Dwana)** deciza mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta` Novembru 2017)

**Applikati dawn l-insenjamenti ghall-kaz in dizamina. il-Qorti tosserva illi r-rikorrenti ma ressqu l-ebda prova ghar-rigward ta` dak illi effettivament kien kopert bil-permessi jew licenzji mahruga.**

Kien jinkombi fuqhom illi jipprezentaw il-permessi jew licenzji in kwistjoni u li jipprovaw illi effettivament dawn kienu jkopru mhux biss it-*tax free warehouse* ghaz-zamma tal-merkanzija sdazjata izda wkoll illi jaghtu kopertura ghall-mezzi tal-garr illi jintuzaw fit-trasport tal-merkanzija u li tali merkanzija hekk sdazjata tista` tingarr fit-triq.

Kull ma jirrizulta mill-atti hija x-xiehda ta` Massimo Drago illi jishaq li huwa dejjem garr il-merkanzija minn post ghal iehor u li huwa debitament kopert biex jaghmel dan. Ghalkemm mix-xiehda tal-ufficjali tad-Dwana tirrizulta l-konferma illi r-rikorrenti kellhom il-licenzji sabiex joperaw bhala *tax free warehouse*, effettivament ma kienx indikat b`mod konkret u nkonfutabbli x`tip ta` licenzja kellhom u x`kienet tkopri.

Jibqa` l-fatt illi fil-mument illi Massimo Drago kien imwaqqaf ma kellux id-dokument mehtieg, u ghalhekk gie illi kien qieghed jikser dak li jipprovdi l-Art 12(3)(c) tas-Sitt Skeda tal-Kap 382.

Il-Qorti tosserva illi d-disposizzjonijiet li wasslu ghall-qbid u li fuqhom iharget l-akkuza kontra Massimo Drago huma l-Art 60 (a) (b) (c) (k), 62 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) (k), u paragrafu (a) tal-Proviso ta` l-Art 62 tal-Kap 37 li lkoll jaghmlu parti minn Taqsim XI tal-Ordinanza illi tittratta l-proceduri relattivi ghall-gbir tad-dazju, ir-reati u l-pieni relattivi ghall-kuntrabandu. Din it-taqsima tippreskrivi sanzjoni ta` natura penali.

Il-Qorti tosserva wkoll illi l-konfiska tal-oggetti kienet ukoll ibbazata fuq l-Art 16 (1)(j) u 17 (a) tal-Kap 382 u r-regolament numru 7 tat-Taqsima C fis-Sitt Skeda tal-Kap 382. Dawn l-artikli wkoll ghandhom sanzjoni ta` natura penali.

Il-vjolazzjoni tal-Art 12 (3) (c) li jipprefiggi r-regolamenti dwar garr tal-merkanzija taqa` taht l-Art 60 (c) u allura din il-vjolazzjoni ggorr maghha sanzjoni ta` natura penali.

**Ladarba kull ma sar penalment kontra Massimo Drago waqa` meta l-proceduri penali kontra tieghu ghaddew in gudikat, dawn necessarjament ghandu jkollhom effett fuq l-istanza odjerna.**

Dan premess, il-Qorti tghid illi hasbet fit-tul dwar ir-rakkont tal-grajja li sar minn Carmel Attard quddiemha ; in partikolari fejn jittratta r-reversing tal-vettura misjuqa minn Drago ghal gol-mahzen ta` Azzopardi waqt li kien qed isir ir-*raid*.

**Pero` fuq li xehed Attard wahdu (minghajr il-konfort ta` ufficjali ohra tad-Dwana li kienu prezenti, u bic-cahda kategorika u minghajr ekwivoci ta` Massimo Drago nnifsu) il-Qorti m`ghandhiex in-ness bejn il-presenza ta` Drago bil-merkanzija sdazjata u l-mahzen ta` Azzopardi ghaliex kwalsiasi suspett ma jwassalx ghal bilanc ta` probabilitajiet. Dan tal-ahhar huwa l-essenza fondanti ta` l-prova li ghandha tkun ricerkata f`kull procediment civili. Dan ma jsibx is-sostenn tieghu fis-suspett, izda fil-preponderanza tal-provi. Nieqsa din ma jistax ikun hemm il-piz tal-prova li huwa essenzjali fi procedimenti civili bhal ma huwa dak tal-lum.**

Il-Qorti tishaq li ghandu piz il-fatt illi llum il-gurnata l-proceduri kriminali kontra Massimo Drago kienu decizi u saru gudikat bil-liberazzjoni tieghu minn kull imputazzjoni u piena.

Inoltre ma jirrizultax illi ghad hemm investigazzjonijiet pendenti relattivi ghall-qbid tal-merkanzija u garanzija in kwistjoni.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet u dwar l-eccezzjonijiet billi :**

**Riferibbilment ghall-ewwel talba, tirrevoka n-Nota ta` Qbid Nru. 24/2009 u n-Nota ta` Qbid Nru. 25/2009 anke jekk ghal ragunijiet diversi minn dawk prospettati mir-rikorrenti fl-ewwel talba kif fuq inghad.**

**Riferibbilment ghat-tieni talba, tordna lill-intimat sabiex jirrilaxxja lis-socjeta` rikorrenti l-merkanzija li kienet kolpita bin-Nota ta` Qbid Nru. 24/2009, kif ukoll illi jirrilaxxja favur is-socjeta` rikorrenti l-ammont ta` elfejn tliet mija disgha u ghoxrin Ewro (€2,329) li ddepozitat mal-intimat sabiex kienet rilaxxjata l-vettura li kienet kolpita bin-Nota ta` Qbid Nru. 25/2009.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet u tar-raba` talbiet tar-rikorrenti billi dawn kienu ritirati fil-mori tal-kawza.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**